KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 01.03.2005
KUMM(2005) 65 finali

GREEN PAPER

Suċċessjonijiet u testmenti

{SEG(2005) 270}

(preżentat mill-Kummissjoni)

1. INTRODUZZJONI

Din il-*Green Paper* tiftaħ konsultazzjoni wiesgħa fir-rigward tas-suċċessjonijiet *ab intestat* jew testamentarji li fihom aspetti internazzjonali.

Il-Kummissjoni tistieden lill-persuni kollha interessati sabiex jibgħatulha it-tweġibiet tagħhom, flimkien ma' kull kontribuzzjoni oħra utli, qabel it-30 ta' Settembru 2005, fl-indirizz li ġej:

Kummissjoni Ewropea
Direzzjoni Ġenerali Ġustizzja, Libertà u Sigurtà
Unità C1 – Ġustizzja Ċivili
B – 1049 Brussel
Fax: + 32 (0) 2 299 64 57
Indirizz elettroniku: jls-coop-jud-civil@cec.eu.int

Il-persuni li jwieġbu għal din il-konsultazzjoni se jkollhom jippreċiżaw jekk humiex kontra li t-tweġibiet u l-osservazzjonijiet tagħhom jidhru fuq is-sit Internet tal-Kummissjoni.

* * *

VOKABULARJU

« **Att awtentiku** » : dokument li jikkonstata fatt jew att legali, u li l-awtentiċità tiegħu hi stabbilita minn awtorità pubblika (per eżempju Att notarili).

« **Postilla** » : formalità prevista mill-Konvenzjoni ta' l-Aja tal-5 ta' Ottubru 1961 dwar ir-rikonoxximent tad-dokumenti barranin.

« ***Commorientes*** » : persuni li għandhom il-kwalità ta' werrieta bejniethom (eż. missier u iben) u li jmutu f' kondizzjonijiet li wieħed ma jkunx jista' jistabbilixxi min minnhom miet l-ewwel.

«**Kompetenza legali internazzjonali**» : poter tat-tribunali ta' pajjiż partikolari li jiddeċiedu każ li jippreżenta karattru internazzjonali.

« **Kompetenza residwa** » : regoli ta' kompetenza internazzjonali tal-tribunali li m'ġewx armonizzati f' livell komunitarju.

« **De cujus** » : Dak li hu l-bażi tas-suċċessjoni (il-mejjet).

«**Exequatur**» : formalità neċessarja għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenza barranija.

«**Forum**» : tribunal kompetenti jew li ngħatat il-pussess.

« **Patti tas-suċċessjoni** » : Ftehim konlużi qabel il-mewt fuq suċċessjoni waħda jew bosta suċċessjonijiet futuri.

« **Suċċessjoni ab intestato** » : suċċessjoni bla testment.

« **Testmenti konġunti** » : Testment magħmul minn żewġ persuni jew bosta persuni fl-istess att, jew favur ta' terz, jew skond provvediment reċiproku u ta' xulxin.

* * *

L-adozzjoni ta' strument Ewropew fil-qasam tas-suċċessjonijiet diġà dehret fost il-prioritajiet tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Vjenna[1] ta' l-1998. Il-Programm ta' miżuri dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet fil-kamp ċivili u kummerċjali[2], adottat mill-Kunsill u l-Kummissjoni fl-aħħar tas-sena 2000, jipprevedi l-elaborazzjoni ta' strument f'dan il-qasam. Aktar reċenti, il-Programm ta' L-Aja[3] jistieden lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta *Green Paper* li jkopri l-problematika kollha: liġi applikabbli, kompetenza u rikonoxxenza, miżuri amministrattivi (ċertifikati ta' wirt, reġistrazzjoni ta' testmenti).

Iż-żieda fil-mobbilità tal-persuni fi ħdan spazju bla fruntieri interni, kif ukoll l-iżvilupp fin-numru ta' unjonijiet bejn ċittadini ta' Stati Membri differenti, li ħafna drabi jkunu akkumpanjati b'akkwiżizzjoni ta' assi li jinsabu fit-territorju ta' bosta pajjiżi ta' l-Unjoni, tikkomplika b'mod uniku s-suċċessjoni.

Id-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom il-protagonisti ta' suċċessjoni transnazzjonali huma marbuta fil-biċċa l-kbira mad-disparità fir-regoli sostenzjali, fin-normi proċedurali u fir-regoli ta' konflitt ta' liġijiet li jikkontrollaw dan il-qasam fl-Istati Membri.

Issa, il-kamp tas-suċċessjoni m'għandux normi komunitarji tad-dritt internazzjonali privat adottati sal-lum. B'hekk jidher illi l-adozzjoni ta' regoli armonizzati fil-livell Ewropew huwa indispensabbli.

Il-parti l-kbira tas-suċċessjonijiet jiġu solvuti b'mod li mhux kontenzjuż. B'hekk, l-adozzjoni ta' leġislazzjoni komunitarja li titratta esklussivament in-nomina ta' ġurisdizzjonijiet kompetenti sabiex jaqtgħu t-tilwim dwar suċċessjonijiet, u li titratta r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tagħhom, m'hix suffiċjenti.

Sabiex jiġi ssemplifikat l-inkarigu tal-protagonisti ta' suċċessjoni transnazzjonali, u sabiex il-problemi konkreti taċ-ċittadini jiġu mwieġba, strument komunitarju għandu bilfors jitratta wkoll ir-rikonoxximent tad-dokumenti u atti extraġudizzjarji (testmenti, atti notarili, atti amministrattivi). Armonizzazzjoni sħiħa tar-regoli tal-liġi materjali ta' l-Istati Membri ma kinitx prevista, l-azzjoni għandha tittieħed mill-angolu tal-kunflitt tal-liġijiet. Il-Kummissjoni hi tal-fehma konsegwentement, li l-ebda progress ma jkun sar fuq pjan komunitarju, fil-kamp tas-suċċessjonijiet, mingħajr ma tkun ġiet indirizzata bi priorità l-kwistjoni tal-liġi applikabbli.

F'dan ir-rigward, hu meħtieġ li l-ewwelnett ninterrogaw ruħna dwar il-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli ta' kunflitti ta' liġi li għandhom jikkostitwixxu il-qalba ta' inizjattiva leġislattiva u li jistgħu potenzjalment ikopru oqsma wiesa' ħafna: il-validità tat-testmenti, kwalità tal-werrieta, riżervi tas-suċċessjoni, likwidazzjoni u qsim tal-wirt, indiviżjoni...

Il-kwistjoni tal-kriterju ta' konnessjoni għandu wkoll ikun is-suġġett ta' azzjoni speċjali. Kif jiġri spiss fil-liġi internazzjonali privat, it-tentazzjoni se tkun kbira li jkun mixtieq jinstab il-

---

1 ĠU C 19 tat-23.1.1999.
2 ĠU C 12 tal-15.1.2001.
3 Ara l-konklużżjonijiet tal-Presidenza, Kunsill Ewropew ta' Brussel, l-4 u 5 ta' Novembru 2004.

 kriterju ta' konnessjoni, dak li, waħdu, għandu jsolvi l-problemi kollha. Dan jista' jkun in-nazzjonalità, privileġġata għal bosta żmien, jew ir-residenza abbitwali, li hi aktar "il-moda".

Iżda, fil-kamp tas-suċċessjonijiet, l-ebda kriterju mhu mingħajr l-inkonvenjenti tiegħu. L-aħħar domiċilju tal-mejjet, użat bħala kriterju ta' għaqda, għandu jkun jista' per eżempju jinvolvi l-applikazzjoni ta' liġi li għandha ftit wisq rbiet mas-suċċessjoni: meta id-*de cujus* m'għandux in-nazzjonalità tal-pajjiż fejn imut u meta il-parti l-kbira ta' l-assi tiegħu jinsabu f'pajjiż ieħor. Hemm bżonn konsegwentement li nippersistu sabiex insibu kriterju uniku ta' konnessjoni? Huwa preferabbli li tiġi aċċettata ċerta flessibbilità, li tinkludi l-għotja ta' rwol lill-għażla tal-partijiet ?

Fil-fatt, ikun x'ikun il-kriterju ta' għaqda magħżul min-norma komunitarja tal-futur għad-determinazzjoni tal-liġi applikabbli, wieħed ma jistgħax jeskludi li dan il-kriterju se jkun, f'ċerti sitwazzjonijiet, ftit adattat għall-aspettattivi leġittimi tal-parteċipanti involuti fis-suċċessjoni. Dawn l-aspettattivi jikkostitwixxu parametru li għandu jittieħed in konsiderazzjoni fil-kuntest ta' suq wieħed li jiggarantixxi l-moviment ħieles lill-persuni. Persuna tista' b'hekk toqgħod għal xi żmien f'pajjiż mingħajr ma takkwista l-iċken patrimonju, għaliex hi bi ħsiebha tmur lura meta jiskadilha ż-żmien għall-pajjiż ta' l-oriġini tagħha, fejn fil-fatt il-familja tagħha kienet qed tabita u fejn jinsabu l-assi tagħha. Jekk din il-persuna tmut fil-pajjiż fejn kienet qed tgħix, jista' jkun ġustifikat li l-liġi tan-nazzjonalità tagħha tikkontrolla s-suċċessjoni tagħha. Min-naħa l-oħra, l-konnessjoni għal-liġi tan-nazzjonalità għandha nuqqas ta' leġittimità jekk id-*de cujus* kien ilu li telaq mill-pajjiż ta' l-oriġini tiegħu u jekk dan kien qed jgħix fi Stat Membru fejn jinsabu l-irbiet tiegħu, familjari u patrimonjali.

* * *

Jekk huwa essenzjali li tiġi stabbilita l-liġi applikabbli, il-kwistjoni tal-kompetenza ġudizzjarja m'għandhiex tiġi stmata anqas. F'ċerti Stati Membri, l-intervenzjoni ta' mħallef hi obbligatorja; f'każijiet oħra, din tibqa' indispensabbli għal-likwidazzjoni tas-suċċessjonijiet kumplessi jew konfliġġenti.

Li tilleġiżla fil-qasam tal-kompetenza ġudizzjarja timplika wkoll għarfien dwar jekk għandux jiġi ffissat kriterju uniku ta' konnessjoni, jew, għall-kuntrarju ta' dan, tinkludi ċerta flessibbilità.

Barra minhekk, bl-għarfien li f'bosta Stati Membri, is-suċċessjonijiet huma regolati l-aktar barra mill-qrati, ħafna drabi bl-għajnuna ta' awtoritajiet pubbliċi jew ta' ċerti professjonijiet legali, għandna nistaqsu lilna nnfusna dwar xi regoli eventwali ta' kompetenza internazzjonali li jikkonċernaw dawn l-awtoritajiet u professjonijiet.

Waqt l-eżami ta' dawn l-aspetti kollha, se jkun neċessarju li jiġu studjati numru kbir ta' kwistjonijiet partikulari, bħal l-patti tas-suċċessjoni, ir-riżervi tal-wirt u t- trusts tas-suċċessjoni. Din l-istituzzjoni, li mhix magħrufa mill-parti l-kbira tas-sistemi ġuridiċi, hija madankollu wżata ta' spiss f'diversi Stati Membri.

Fl-aħħarnett, fil-kamp tas-suċċessjoni, intervenzjoni leġislattiva tal-Komunità għandha wkoll ikollha l-għan li telimina l-ostakoli amministrattivi u prattiċi. F'din il-perspettiva, il-ħolqien ta' "ċertifikat Ewropew ta' werriet" għandu jkun maħsub. Din it-talba tidher espliċitament fil-Programm ta' l-Aja, kif ukoll ir-reġistrazzjoni tat-testmenti.

2. REGOLI TA' KUNFLITT TA' LIĠIJIET.

2.1. Mistoqsijiet Ġenerali.

Il-karattru universali ta' dawn ir-regoli futuri m'għandhomx jiġu kkontestati: limitazzjoni ta' l-applikazzjoni tar-regoli tal-kunflitt ta' liġijiet armonizzati għas-sitwazzjonijiet internazzjonali li huma strettament "intra-komunitarji", u filwaqt li jeskludu dawk li jimplikaw l-ordnijiet ġuridiċi ta' pajjiżi terzi, se tkun qed tagħmel ix-xogħol ta' l-individwi u l-professjonisti tal-liġi aktar ikkumplikat.

L-ewwelnett, hu meħtieġ li ninterrogaw ruħna dwar sa fejn twassal tal-konnessjoni fil-kamp tas-suċċessjoni, sakemm l-istess materji mhumiex bilfors irregolati mil-liġi tas-suċċessjoni fis-sistemi ġuridiċi kollha. L-armonizzazzjoni tar-regoli ta' kunflitt ta' liġijiet se jkollhom b'hekk jiġu akkumpanjati b'definizzjoni tal-kamp tal-liġi tas-suċċessjoni.

It-tieni nett, għandu jiġi ddeterminat kriterju wieħed jew diversi kriterji ta' konnessjoni.

Fl-aħħarnett, hu importanti li nkunu nafu jekk il-leġislazzjoni komunitarja futura, lilhinn mid-deċiżjoni dwar il-werrieta u tad-drittijiet tagħhom, hix se titratta wkoll klwasoli ta' trażmissjoni lill-werrieta tal-patrimonju tas-suċċessjoni.

Mistoqsija 1 : *Liema mistoqsijiet għandhom jintrabtu mal-liġi tas-suċċessjoni ?*

B'mod partikolari, ir-regoli ta' konflitt ta' liġi ser ikollhom jillimitaw lilhom infushom għad-deċiżjoni dwar il-werrieta u tad-drittijiet tagħhom, jew se jkollhom ukoll ikopru il-likwidazzjoni u l-qsim tas-suċċessjoni ?

Mistoqsija 2 : *Liema kriterju ta' konnessjoni għandu jintuża biex tiġi ddeterminata l-liġi applikabbli ? Għandna nutilizzaw l-istess kriterju għall-kamp kollhu kopert mil-liġi applikabbli, jew nistgħu nutilizzaw kriterji differenti għal aspetti differenti tas-suċċessjoni ?*

B'mod partikolari, ir-regola komunitarja ta' konflitt għandha tiddistingwi bejn il-mobbli u l-immobbli ? Għandna nirriżervaw ċertu rwol lil-liġi tal-pajjiż fejn jinsab l-immobbli ?

2.2. Testmenti u patti tas-suċċessjoni.

Għal dak li jirrigwarda l-validità tat-testmenti, il-liġijiet ta' l-Istati Membri adottaw soluzzjonijiet li jvarjaw ħafna, kemm fil-kapaċità li tagħmel testment, il-forom tat-testmenti, il-validità tas-sustanza, it-testmenti konġunti[4], il-patti tas-suċċessjoni[5] jew ir-revokabilità. Ir-regoli ta' kunflitt ukoll huma differenti.

---

4 Testmenti magħmula minn żewġ persuni fl-istess att.

5 Ftehim dwar suċċessjoni waħda jew diversi suċċessjonijiet li għadhom ma nfetħux.

Mistoqsija 3 : *Liema liġi għandha tapplika għal :*

- il-kapaċità ġenerali li tagħmel testment?

- il-validità :

- fil-forma tat-testment ?
- is-sustanza tat-testmenti ?
- tat-testmenti konġunti ?
- tal-patti tas-suċċessjoni ?
- tar-revoka tat-testmenti ?

Kif għandha tiġi fformulata r-regola tal-kunflitt sabiex tieħu in konsiderazzjoni l-modifika eventwali tal-qbil bejn id-data ta' stabbiliment tat-testment u d-data tal-mewt ?

2.3. Commorientes.

L-ordni li fiha jmutu żewġ persuni suxxettibbli għall-wirt ta' xulxin jista' jkollha inċidenza fuq id-drittijiet tal-werrieta proprji tagħhom. Meta persuni jmutu fl-istess avveniment, ċerti Stati Membri jippreżumu li dawn mietu fl-istess mument, oħrajn jistabbilixxu l-ordni li fiha dawn ġew preżunti li mietu. Jekk suċċessjonijiet ta' *commorientes* huma rregolati minn liġijiet diverġenti, jista' jkun impossibbli li jiġu llikkwidati.

Mistoqsija 4 : *Kif tista' tiġi riżolta l-kwistjoni ta' l-inkompatibbilità eventwali tal-liġijiet applikabbli għas-suċċessjonijiet tal-commorientes ?*

2.4. L-għażla tal-liġi applikabbli għas-suċċessjoni.

Għalkemm l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, fil-parti l-kbira tagħhom, ma jippermettux li l-liġi tas-suċċessjoni tiġi magħżula mill-futur *de cujus* jew mill-werrieta, il-mistoqsija xorta tibqa' rilevanti. Ikun x'ikun il-kriterju ta' konnessjoni magħżul, wieħed ma jistax jeskludi l-fatt li dan ser ikun, f'ċerti każijiet, mhux adattat għall-aspettazzjonijiet leġittimi tal-protagonisti ta' suċċessjoni. B'hekk, ċerta flessibilità se tkun tista' tiġi prevista.

Mistoqsija 5 : *Għandha tiġi inkluża l-possibbiltà għall-futur de cujus (f'suċċessjoni testamentarja jew ab intestat) li jagħżel il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni tiegħu, bil-ftehim jew mingħajr il-ftehim tal-werrieta preżunti tiegħu ? Din għandha tingħata lill-werrieta wara l-ftuħ tas-suċċessjoni ?*

Mistoqsija 6 : *Jekk tiddaħħal l-għażla tal-liġi tas-suċċessjoni, għandhom jiġu limitati l-possibbilitajiet ta' għażla u determinati l-klawsoli tagħha ? b'kondizzjoni li dawn ma kinux ġew magħżula bħala konnessjoni oġġettiva, għandhom jiġu nklużi l-kriterji li ġejjin nazzjonalità, domiċilju, residenza abitwali jew oħrajn?*

Mistoqsija 7 : *F'liema mument għandhom ikunu preżenti dawn il-konnessjonijiet ? Dawn għandhom jiġu ssortjati skond kondizzjonijiet partikolari (tul ta' żmien, żamma sad-data tal-mewt ...) ?*

Mistoqsija 8 : *L-għażla tal-liġi applikabbli għandha tiġi applikata għat-testmenti konġunti u għall-patti tas-suċċessjoni ? Din l-għażla għandha tiġi organizzata? Jekk fl-affermattiv, b'liema mod ?*

Mistoqsija 9 : *Persuna miżżewġa għandha tingħata l-possibbiltà li tagħżel il-liġi applikabbli għas-sistema matrimonjali tagħha sabiex tiġi rregolata s-suċċessjoni tagħha ?*

2.5. Riżervi tas-suċċessjoni.

Is-sistemi ġuridiċi ta' l-Istati Membri kollha jipproteġu lill-qraba li l-mejjet ikun xtaq jiddiżereda. Din il-protezzjoni ħafna drabi tieħu l-forma ta' riżerva tal-wirt, iżda dan il-mekkaniżmu mhuwiex rikonoxxut unanimament fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

Mistoqsija 10 : *L-applikazzjoni tar-riżerva tas-suċċessjoni għandha tinżamm meta l-liġi speċifikata mir-regola tal-kunflitt ma tirrikonoxxix din l-istituzzjoni jew meta tiddefinixxi l-isfera ta' applikazzjoni tagħha b'mod differenti ? Jekk fl-affermattiv, skond liema klawsoli ?*

2.6. It-*trusts* tas-suċċessjoni.

Jekk *trust* tieħu karattru internazzjonali, it-tribunali u awtoritajiet oħra kompetenti msejħa fil-każ għandhom ikunu jistgħu jiddeterminaw liema liġijiet huma applikabbli għalih. Barra mill-fakultà mogħtija mill-kostitwenti tat-*trusts* li jagħżlu l-liġi applikabbli, l-elaborazzjoni ta' regoli ta' kunflitt ta' liġijiet li għandhom x'jaqsmu mat-*trust* jistgħu isiru neċessarji.

Mistoqsija 11 : *Għandhom jiġu adottati regoli partikolari ta' kunflitt ta' liġijiet fil-kamp tat-trusts ? Jekk fl-affermattiv, liema ?*

2.7. Renvoi.

L-unifikazzjoni tar-regoli ta' kunflitt ta' liġijiet fuq skala komunitarja se jagħmel inutli ir-*renvoi* meta l-elementi kollha ta' konnessjoni ser ikunu lokalizzati fi Stat Membri wieħed. Iżda l-kwistjoni se titqajjem meta r-regoli ta' kunflitt jagħżlu l-liġi ta' pajjiż terz.

Mistoqsija 12 : *L-istrument komunitarju tal-futur għandu jinkludi r-renvoi jekk ir-regoli ta' kunflitt armonizzati jagħżlu l-liġi ta' pajjiż terz ? Jekk iva, skond liema klawsoli u sa fejn ?*

2.8. Mistoqsijiet preliminari.

Il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni kultant iġġiegħel lir-regolament tagħha jiddependi mir-risposta għal mistoqsija msejjħa "preliminari", li tista' tkun irregolata minn liġi oħra : il-validità ta' żwieġ jew ta' koabitazzjoni, b'ħolqien ta' konnessjoni parentela ...

Mistoqsija 13 *: Liema regola ta' konflitt ta' liġijiet għandha tiġi adottata sabiex tkun determinata l-liġi applikabbli għall-kwistjonijiet preliminari għall-effetti tas-suċċessjoni ?*

3. REGOLI TA' KOMPETENZA

L-Istati Membri adottaw kriterji differenti ħafna : l-aħħar domiċilju tal-mejjet, domiċilju tal-konvenut jew tal-kwerelant, il-post fejn jinsabu ċerti assi, jew inkella in-nazzjonalità tal-mejjet jew ta' parti jew l-oħra fil-kawża. F'dan il-kamp, hu meħtieġ li jittieħdu in

konsiderazzjoni interessi differenti ħafna : dawk tal-preżunti werrieta, li kultant joqgħodu f'pajjiżi differenti, iżda wkoll dawk ta' pajjiżi differenti li huma kkonċernati, b'mod partikolari għaliex xi assi jinsabu fit-territorju tagħhom.

3.1. L-għażla ta' kap b' kompetenza ġudizzjarja.

L-ewwel possibbiltà għandha tkun li jiġi ddeterminat forum uniku ta' kompetenza, billi tiġi injorata anki d-distinzjoni użata li ssegwi n-natura, mobbli jew immobbli, ta' l-assi tas-suċċessjoni. Iżda, billi nsegwu l-eżempju ta' dak li jista' jsir fil-kamp tal-liġi applikabbli, jgħandu jkun konċepibbli li jiġu adottati regoli aktar flessibbli, u dan, b'bosta modi differenti.

Mistoqsija 14 : *Huwa mixtieq li naslu għall-uniċità tal-fora fil-kamp tas-suċċessjoni ? Hu possibbli li tiġi abbandunata l-kompetenza tal-forum tal-post fejn jinsabu l-assi ? Jekk kriterju uniku ġenerali għandu jinżamm, liema għandu jkun ?*

Mistoqsija 15 : *Jista' jiġi maħsub li l-werrieta jitħallew li jirrikorru għal tribunal ta' Stat Membru li mhux dak magħżul minn regola prinċipali eventwali ta' kunflitt tal-kompetenza ? Jekkfl-affermattiv, taħt liema kondizzjonijiet ?*

Mistoqsija 16 : *Waqt proċedura tas-suċċessjoni pendenti fi Stat Membru, għandha tiġi ammessa l-possibbiltà li tribunal fi Stat Membri ieħor fejn jinsabu assi tas-suċċessjoni jiġi mistoqsi li jieħu miżuri provviżorji u konservatorji ?*

Mistoqsija 17 : *Fl-istrument komunitarju tal-futur għandhom jiġu ntrodotti dispożizzjonijiet li jippermettu t-trasferiment ta' każ ta' tribunal ta' Stat Membru lejn tribunal ta' Stat Membru ieħor, u jekk iva, taħt liema kondizzjonijiet ?*

L-applikazzjoni tal-kriterji definiti mill-istrument tal-futur jista' jaħtar tribunal ta' pajjiż terz. F'dan il-każ, mhux bilfors huwa mixtieq li l-kompetenza tat-tribunali ta' l-Istati Membri tiġi rrinunċjata unilateralment, waqt li kriterji oħra ta' konnessjoni, mneħħija mill-pjan intra-kommunitarju, għandhom ikunu pertinenti sabiex jiġi delimitat unilateralment il-kompetenza ta' dawn il-ġurisdizzjonijiet meta mqabbla ma' dik ta' pajjiż terz. Li tħalli f'idejn il-leġislazzjonijiet nazzjonali ta' l-Istati Membri, bħala "kompetenza residwa", ir-responsabbiltà li jirrispondu għal din il-mistoqsija, ma tħallix li tinsab soluzzjoni komuni u tista' toħloq kunflitti ta' kompetenza oħra.

Nimmaġinaw li l-kriterju tal-kompetenza komunitarja tkun l-aħħar domiċilju tal-mejjet. Ċittadin ta' l-Istat Membru A jmut f'pajjiż terz li fih reċentement kien stabbilixxa d-domiċilju tiegħu. Il-werrieta kollha tiegħu jinsabu fl-Istat Membru A, u l-parti l-kbira ta' l-assi tiegħu jinsabu fl-Istat Membru B. F'dan il-każ, il-liġi komunitarja (l-aħħar domiċilju tal-mejjet) ma jaħtar l-ebda Stat Membru, la l-A u lanqas il-B, filwaqt li s-suċċessjoni għandha rabta ferm aktar mill-viċin ma' dawn iż-żewġ Stati Membri milli mall-pajjiż terz ta' l-aħħar domiċilju tal-mejjet. Ir-*renvoi* għar-regoli nazzjonali sabiex tiġi solvuta din il-kwistjoni tista' tipprovoka problema ġdida. Jekk l-Istat Membru A japplika l-kriterju tan-nazzjonalità u l-Istat Membru B dak tal-post fejn jinsabu l-assi : kunflitt pożittiv ta' kompetenzi. Fil-każ kuntrarju : kunflitt negattiv ta' kompetenzi.

Mistoqsija 18 : *Liema elementi huma rilevanti sabiex tiġi stabbilita l-kompetenza tat-tribunali ta' l-Istati Membri f'sitwazzjoni bħal dik imsemmija hawn fuq?*

Mistoqsija 19 : *Dawn ir-regoli speċjali tal-kompetenza għandhom japplikaw ukoll għall-assi li jinsabu fuq it-territorju ta' pajjiż terz ji jivvendka kompetenza esklussiva fuqhom ?*

3.2. Proċedura li għandha x'taqqsam mat-trasferiment ta' l-assi tal-proprjetà immobbli.

It-trasferiment tal-proprjetà ta' l-assi tal-proprjetà jagħti lok għal reġistrazzjoni fuq reġistri differenti. F'ċerti Stati Membri, l-informazzjoni f'dawn ir-reġistri m'humiex magħmula ħlief fil-preambolu ta' sentenza mogħtija jew att stabbilit mill-awtoritajiet nazzjonali. Wieħed jista' jaħseb li l-emenda tar-reġistri tista' tiġi effettwata fuq il-bażi tad-dokumenti mogħtija fi Stat Membru ieħor.

Mistoqsija 20 : *Il-kompetenza ta' l-awtoritajiet tal-post fejn jinsabu l-assi tal-proprjetà immobbli li jiddependu mis-suċċessjoni għandha tiġi riżervata, meta il-kompetenza prinċipali hi attribwita lill-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor sabiex :*

- tħejji d-dokumenti neċessarji għall-emenda tar-reġistri tal-proprjetà ?

- tirrealizza atti ta' amministrazzjoni u trasferimenti tal-proprjetà ?

Mistoqsija 21 : *Jista' wieħed jelabora dokumenti komunitarji uniformalizzati li għandhom ikunu wżati fl-Istati Membri kollha fejn jinsabu l-assi ? Jekk affermattiv, liema dokumenti attwalment eżistenti se jkunu jistgħu jiġu uniformalizzati? Jista' wieħed jaqta' barra jew jissimplifika ċerti proċeduri li huma bħalissa neċessarji fl-ambitu tas-suċċessjonijiet internazzjonali ? Jekk fl-affermattiv, liema ?*

3.3. Kompetenzi ta' l-awtoritajiet non ġudizzjarji.

Minħabba l-importanza tal-funzjonijiet eżerċitati mill-awtoritajiet non ġudizzjarji – nutara jew aġenti ta' diversi amministrazzjonijiet – se jkun permess lill-werrieta li jirrealizzaw ċerti formalitajiet ma' awtoritajiet viċin tagħhom jew huma m'humiex residenti fil-post magħżul mir-regola ta' kompetenza prinċipali.

Mistoqsija 22 : *Għandu jiġi previst li r-regola ta' kmopetenza armonizzata għandha tapplika bl-istess mod lill-awtoritajiet l-oħra suxxettibbli li jintervjenu fil-kamp tas-suċċessjoni ?*

Mistoqsija 23 : *Għandu jiġi previst li ċerti formalitajiet jistaw jiġu effettwati quddiem l-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor li mhux dak magħżul mir-regola prinċipali tal-kunflitt ta' kompetenza? Din l-għażla għandha tiġi organizzata?*

3.4. It-*trusts*

Ġaladarba is-suġġett tas-suċċessjonijiet hu eskluż mill-kamp t'applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 44/2001, ma jeżistux regoli ta' kompetenza komunitarja għat-tilwim li jikkonċernaw it-*trusts* tas-suċċessjoni li m'humiex ser ikunu koperti minn l-imsemmi Regolament.

Mistoqsija 24 : *Liema regoli ta' kompetenza għandu jkun fih l-istrument komunitarju futur fil-kamp tat-trusts tas-suċċessjoni?*

4. REGOLI TA' RIKONOXXIMENT U TA' EŻEKUZZJONI.

Il-leġislazzjoni komunitarja futura għandha tissimplifika l-inkarigu tal-werrieta billi tippermetti r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' l-atti u d-dokumenti neċessarji għar-rikonoxximent tad-drittijiet tagħhom : deċiżjonijiet ġudizzjarji, atti notarili, testmenti, dokumenti li jaffermaw il-kwalià tal-werrieta, setgħat mogħtija lil persuni inkarigati mill-amministrazzjoni u l-likwidazzjoni tas-suċċewssjonijiet ...

4.1. Rikonoxximent u eżekuzzjoni tas-sentenzi.

Filwaqt li tistabbilixxi regoli armonizzati dwar il-liġi applikabbli u l-kompetenza, il-leġislazzjoni futura se tilħaq grad ta' fiduċja reċiproka għolja ħafna, li b'hekk trendi inutli l-manteniment ta' miżuri intermedjarji għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi. Jekk madankollu raġunijiet ta' rifjut kienu miżmuma, dawn għandhom ikunu l-istess għall-Istati Membri kollha.

Mistoqsija 25 : *Għar-rikonoxximent tas-sentenzi l-exequatur jista' jiġi mneħħi?* Bil-kontra, għandhom jiġu nklużi raġunijiet tar-rifjut tar-rikonoxximent u ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenzi ? *Jekk fl-affermattiv, liema ?*

Mistoqsija 26 : *Jista' wieħed jaħseb li sentenza mogħtija fi Stat Membru fil-kamp tas-suċċessjoni għandha tkun rikonoxxuta leġittimament u tippermetti li jiġu emendati mingħajr proċedura r-reġistri ta' l-artijiet fi Stat Membru ieħor? Għandu wieħed ikun ispirat mill-Artikolu 21(3) tar-Regolament (KE) Nru 2201/2003?*

4.2. Rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' l-atti u tat-testmenti.

F'ċertu numru ta' Stati Membri, in-nutara u awtoritajiet oħra jifformolaw atti awtentiċi dwar id-devolviment u l-likwidazzjoni tas-suċċessjonijiet. Ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' dawn l-atti għandhom ikunu previsti.

Barra minhekk, hu xieraq li ninterrogaw ruħna dwar regoli possibbli applikabbli għat-testmenti ta' barra, li ħfna drabi ma jistgħux jipproduċu l-effetti tagħhom għall-aħħar.

Mistoqsija 27 : *Jista' wieħed japplika għall-atti awtentiċi stabbiliti fil-kamp tas-suċċessjonijiet l-istess sistema ta' rikonoxximent u ta' eżekuzzjoni bħal fil-każ tas-sentenzi ? Konsegwentement, jista' wieħed jaħseb li l-atti notarili stabbiliti fi Stat Membru fil-kamp tas-suċċessjoni jippermettu l-emenda tar-reġistri ta' l-artijiet mingħajr proċeduri oħra fl-Istati Membri l-oħra ? Ghandu wiehed ikun ispirat mill-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 2201/2003?*

Mistoqsija 28 : *Għandhom jiġu maħsuba regoli partikolari li jfittxu li jiffaċilitaw ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni fl-Istat Membru tat-testmenti stabbiliti fi Stat Membru ieħor ?*

4.3. L-amministraturi terzi (inklużi t-*trusts* tas-suċċessjoni).

L-għażla ta' terzi inkarigati mill-amministrazzjoni jew mil-likwidazzjoni tas-suċċessjonijiet hi, skond l-Istati Membri, fakultattiva jew obbligatorja. L-għażla ta' dawn il-persuni, kif ukoll il-prerogattivi tagħhom, li jvarjaw minn sistema għall-oħra, m'humiex dejjem rikonoxxuti fl-Istati Membri l-oħra.

Fil-każ tar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet mogħtija dwar *trusts* tas-suċċessjoni, għandna nistaqsu lilna nnfusna dwar l-effetti tar-rikonoxximent tat-*trusts* infushom fuq l-emenda tar-reġistri ta' l-artijiet.

Mistoqsija 29 : *Jista' wieħed jaħseb fir-rikonoxximent bi dritt fl-Istati Membri kollha ta' l-għażla u l-poteri ta' amministraturi terzi? Għandu wieħed jaħseb għal motivi li jippermettu l-konstatazzjoni ta' din il-ħatra u l-poteri tagħha?*

Mistoqsija 30 : *Għandu jiġi maħluq ċertifikat li juri l-ħatra ta' l-amministratur terz u li jiddiskrivi l-poteri tiegħu? Liema persuna jew awtorità għandha tkun inkarigata mill-istabbiliment ta' dan iċ-ċertifikat? X'għandu jkun fih dan iċ-ċertifikat?*

Mistoqsija 31 : *Ir-rikonoxximent tat-trusts tas-suċċessjoni għandha tippermetti r-reġistrazzjoni ta' oġġetti ta' trust u ta' titoli għaliha li jiġu mdaħħla fir-reġistri ta' l-artijiet? Fil-każ kuntrarju, liema dispożizzjonijiet għandhom jiġu adottati?*

Mistoqsija 32 : *Għandhom jiġu adottati dispożizzjonijiet li jippreservaw l-applikazzjoni tar-riżerva tas-suċċessjoni prevista mil-liġi tas-suċċessjoni jew liġi oħra li tirrivendika l-applikazzjoni ta' din il-protezzjoni, għalkemm teżisti trust? Jekk fl-affermattiv, liema ?*

5. PROVI TAL-KWALITÀ TA' WERRIET : IĊ-ĊERTIFIKAT EWROPEW TAL-WERRIET.

Il-prova tal-kwalità ta' werriet li miġjuba b'diversi modi skond is-sistemi ġuridiċi. Hu essenzjali li l-werrieta jkunu jistgħu jistabbilixxu d-drittijiet tagħhom sabiex jieħdu pussess ta' l-oġġetti tas-suċċessjoni mogħtija lilhom mingħajr ma jidħlu f'proċeduri. Fil-preżenza ta' regoli armonizzati tal-kunflitt tal-liġijiet, it-twaqqif ta' ċertifikat b'effetti uniformi fil-Komunità kollha hi realizzabbli. Din tkun tikkonsisti f'valur miżjud ċar.

Bosta mistoqsijiet għandhom jiġu mwieġba : il-kondizzjonijiet għat-twaqqif taċ-ċertifikat, il-kontenut u l-konsegwenzi tiegħu.

Mistoqsija 33 : *Liema effetti jistgħu jiġu prodotti għaċ-ċertifikat?*

Mistoqsija 34 : *Liema informazzjoni għandha tkun inkluża fiċ-ċertifikat?*

Mistoqsija 35 : *F'liema Stat Membru għandu jintbagħat? Għandha titħalla f'idejn kull Stat Membru individwali l-għażla libera ta' l-awtoritajiet li jistgħu jikkonkludu dan iċ-ċertifikat, jew, meta tikkonsidra il-kontenut tal-funzjonijiet taċ-ċertifikat, għandhom jiġu ffisati ċerti kriterji ?*

6. REĠISTRAZZJONI TAT-TESTMENTI.

Ir-riċerka tat-testmenti, b'mod partikolari meta dawn saru f'pajjiż ieħor, tikkostitwixxi ostaklu li bosta drabi jirriżulta insormontabbli.

Mistoqsija 36 : *Għandu jiġi maħsub it-twaqqif ta' sistema ta' reġistrazzjoni tat-testmenti fl-Istati Membri kollha? Għandu jiġi maħluq reġistru ċentralizzat?*

Mistoqsija 37 : *Liema klawsoli għandhom jiġu deċiżi sabiex tiġi ffaċilitata l-aċċess għall-elementi nazzjonali tas-sistema jew għar-reġistru ċentralizzat mill-werrieta preżunti u l-awtoritajiet kompetenti (inkluż mill-Istati Membru tagħhom stess)?*

7. LEĠISLAZZJONI.

It-twaqqif ta' spazju ġudizzjarju Ewropew jimplika t-tneħħija jew is-semplifikazzjoni tal-formalitajiet.

Mistoqsija 38 : *It-tneħħija tal-formalitajiet kollha ta' leġislazzjoni jew ta' postilla ta' atti pubbliċi magħmula fi Stat Membru u li jirrigwardaw suċċessjoni għandha tikkawża xi problemi?*

8. RESQA LEĠISLATTIVA.

Fid-dawl ta' dak li ntaq hawn fuq, l-elaborazzjoni ta' korp ta' regoli tal-Kommunità dwar is-suċċessjonijiet u t-testmenti se tikkostitwixxi xogħol vast u kumpless.

Mistoqsija 39 : *Nistgħu naħsbu fl-elaborazzjoni ta' strument uniku u sħiħ? Fil-każ kuntrarju, f'liema ordni u skond liema stadji għandu jiġi organizzat ix-xogħol?*